

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 24 ta' Jannar 2017 – Rath vs EUIPO– Portela & Ca. (Diacor)

(Kawża T-258/08) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Diacor — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti Diacol PORTUGAL — Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Provi redatti f'lingwa li ma hijiex il-lingwa tal-proċedura — Regola 22(4) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 (li saret ir-Regola 22(6) tar-Regolament Nru 2868/95, kif emendat) — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009"]

(2017/C 070/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Matthias Rath (Cap, l-Afrika t'Isfel) (rappreżentanti: U. Vogt, C. Kleiner u S. Ziegler, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Portela & Ca., SA (São Mamede do Coronado, il-Portugall)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-30 ta' April 2008 (Każ R 1630/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Portela & Ca. u M. Rath.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Matthias Rath huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 30.8.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Jannar 2017 – ANKO vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-768/14) ⁽¹⁾

["Klawżola ta' arbitraġġ — Ftehim ta' sussidju konkluż fil-kuntest tas-seba' programm-qafas għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) — Proġett Pocemon — Spejjeż eliġibbli — Kontrotalba — Rimbors tas-somom imħallsa — Interessi moratorji"]

(2017/C 070/21)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: ANKO AE Antiprosopion, Emporiou kai Viomichanias (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u P. Arenas, aġenti, assistiti minn O. Lytra, avukat)

Suġġett

Minn naħa, talba, ibbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex tiġi ddikkjarata infondata t-talba tal-Kummissjoni għar-rimbors ta' somma mħallsa lir-rikorrenti b'eżekuzzjoni tal-ftehim Nru 216088 għall-finanzjament tal-proġett intitolat "Pjattaforma ta' segwitu u ta' dijanjostika għall-mard awto-immuni", konkluż fil-kuntest tas-seba' programm-qafas tal-Komunità Ewropea għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013), u, min-naħa l-oħra, kontrotalba intiża sabiex tinkiseb il-kundanna tar-rikorrenti għar-rimbors ta' somma indebitament imħallsa b'eżekuzzjoni ta' dan il-ftehim.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors ippreżentat minn ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias huwa miċħud.
- 2) ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta' EUR 377 733,93, flimkien mal-interessi moratorji mit-3 ta' Mejju 2014 u sal-ħlas integrali tal-imsemmija somma, bir-rata ta' 3,75 %.
- 3) ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 65, 23.2.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal- 25 ta' Jannar 2017 – ANKO vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-771/14) ⁽¹⁾

(“Klawżola ta' arbitraġġ — Ftehim ta' sussidju konkluż fil-kuntest tas-sitt programm-qafas għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2002-2006) — Proġett Doc@Hand — Spejjeż eliġibbli — Kontrotalba — Rimbors tas-somom imħallsa — Interessi moratorji”)

(2017/C 070/22)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: V. Christianos u S. Paliou, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u P. Arenas, aġenti, assistiti minn O. Lytra, avukat)

Suġġett

Minn naħa, talba, ibbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex tiġi ddikkjarata infondata t-talba tal-Kummissjoni għar-rimbors ta' somma mħallsa lir-rikorrenti b'eżekuzzjoni tal-ftehim Nru 508015 għall-finanzjament tal-proġett intitolat “Skambju ta' għarfien u għajnuna għat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-professionisti tas-saħħa”, konkluż fil-kuntest tas-sitt programm-qafas tal-Komunità Ewropea għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2002-2006), u, min-naħa l-oħra, kontrotalba intiża sabiex tinkiseb il-kundanna tar-rikorrenti għar-rimbors ta' somma indebitament imħallsa b'eżekuzzjoni ta' dan il-ftehim.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors ippreżentat minn ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias huwa miċħud.
- 2) ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta' EUR 296 149,77, flimkien mal-interessi moratorji mit-3 ta' Mejju 2014 u sal-ħlas integrali tal-imsemmija somma, bir-rata ta' 3,75 %.